



Il-Kummissjoni  
Ewropea

# Promozzjoni tat-tagħlim għall-adulti fuq il-post tax-xogħol

Grupp ta' ħidma tal-ET2020 għall-perjodu  
2016 – 2018 dwar it-tagħlim għall-adulti  
Sommarju eżekuttiv

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna li tagħxi f'isem il-Kummissjoni ma hija responsabbli mill-użu li jista' jsir mit-tagħrif li ġej.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2019

© L-Unjoni Ewropea, 2019

L-istampi © Shutterstock.com

L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhux ien taħt id-drittijiet tal-awtur tal-UE, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet.

## Messaġġi ewlenin

Fid-dawl tal-pass mgħaġġel tal-iżviluppi teknoloġiċi, il-globalizzazzjoni u x-xejriet demografiċi, it-tkomplija tat-titjeb tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid saret importanti ħafna għall-individwi, l-impjegaturi, is-soċjetajiet, il-pajjiżi u l-UE kollha.

Fid-dinja tal-lum li qed tinbidel b'rata mgħaġġla, kull pajjiż jeħtieġ li jkun żgur li l-forza tax-xogħol tiegħu jkollha l-ħiliet it-tajbin għas-suq tax-xogħol; kull impjegatur jeħtieġ li jkun żgur li l-impjegati tiegħu jkollhom il-ħiliet it-tajbin biex jibqgħu kompetittivi; u kull adult jeħtieġ li jkompli jaġġorna u jestendi l-ħiliet tiegħu sabiex jibqa' impjegabbli u jagħmel il-parti tiegħu bis-sħiħ fis-soċjetà.

### It-tagħlim għall-adulti fuq il-post tax-xogħol jista' jkollu kontribut sinifikanti għaliex:

- ✓ huwa mod aċċessibbli u attraenti għall-adulti biex iżommu u jaġġornaw l-għarfien u l-ħiliet li għandhom b'zonn għall-ħajja, fuq ix-xogħol u fid-dar
- ✓ huwa mod effiċjenti u effikaċi għall-impjegaturi biex iżommu l-ħiliet tal-impjegati tagħhom aġġornati, jimmotivaw il-forza tax-xogħol tagħhom u jtejbu ż-żamma tal-persunal, kif ukoll biex itejbu l-kompetittività
- ✓ huwa mod ekonomiku u mmirat għall-Istati Membri biex iżidu l-produttività, l-innovazzjoni u l-modernizzazzjoni tagħhom, iżommu l-kompetittività u r-rati tal-impjegi tagħhom, u jżidu l-livelli ġenerali tal-ħiliet
- ✓ jappoġġa l-integrazzjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid soċjali u ekonomika ta' gruppi vulnerabbli, l-inklużjoni, il-koeżjoni soċjali u l-ugwaljanza
- ✓ jissodisfa l-ħtiġijiet tal-individwi, tal-impjegaturi u tas-soċjetà għal aktar adattabbiltà biex iħejju aħjar għal ħtiġijiet fir-rigward tal-ħiliet futuri, u b'hekk jitnaqqsu n-nuqqasijiet ta' ħiliet proġettati
- ✓ itejjeb l-impjegabbiltà tal-adulti tul il-ħajjithom

Għalhekk, it-tagħlim għall-adulti fuq il-post tax-xogħol b'reazzjoni għad-domanda tal-individwi, tal-impjegaturi u tas-soċjetà, jeħtieġ li jsir prijorità politika. Il-Grupp ta' Ħidma fehem li dan jirrikjedi:



impenn serju fit-tul mill-partijiet ikkonċernati kollha



koordinazzjoni effikaċi bejn il-partijiet ikkonċernati



mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità adatti



sistemi ta' kofinanzjament ekwitabbli li huma sostenibbli fit-tul



sistemi effikaċi biex jadattaw id-dispożizzjoni għat-tibdil fil-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u għall-ħtiġijiet tal-istudenti adulti



arranġamenti ċari ta' governanza, inkluż monitoraġġ u evalwazzjoni regolari

## Kif jista' jiġi promoss it-tagħlim għall-adulti fuq il-post tax-xogħol?


It-tagħlim fuq il-post tax-xogħol jista' jkun mod alternattiv għall-adulti kollha biex jiksbu livell ogħla, jew ħiliet iktar rilevanti, sabiex ikunu mgħammra aħjar ħalli jaffaċċaw l-isfidi emerġenti assoċjati max-xejriet kbar bħall-awtomazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-globalizzazzjoni. Peress li l-adulti jqattgħu l-biċċa l-kbira minn ħinhom fuq il-post tax-xogħol, il-post tax-xogħol huwa ambjent ta' tagħlim importanti; huwa l-post biex mhux biss jiġu żviluppanti l-ħiliet marbuta max-xogħol, iżda wkoll il-kompetenzi bażiċi u transversali li jagħmlu lin-nies iktar reżiljenti għall-bidliet fil-karrieri tagħhom u f'ħajjithom.

**Għal dawn ir-raġunijiet kollha, il-Grupp ta' Ħidma jemmen li l-promozzjoni tat-tagħlim għall-adulti fuq il-post tax-xogħol jeħtieġ li ssir prijorità politika u tiġi tradotta f'azzjonijiet konkreti.**

Ma hemm l-ebda preskrizzjoni universali għall-promozzjoni u l-iżvilupp tat-tagħlim għall-adulti fuq il-post tax-xogħol. Huwa kopert minn tipi differenti ta' politiki b'għanijiet differenti. Kull kuntest nazzjonali huwa differenti: kif jiġu distribwiti r-responsabbiltajiet bejn il-fornituri tal-edukazzjoni, l-impjegaturi u l-impjegati, jew min jiffinanzja t-tagħlim għall-adulti fuq il-post tax-xogħol. Barra minn hekk, il-pajjiżi għandhom ħtiġijiet differenti: hemm ħtieġa għal tagħlim (mhux formali) għat-titjib tal-ħiliet, jew tagħlim li jwassal għal kwalifika formali? hemm gruppi mmirati speċifiċi bi ħtiġijiet ta' ħiliet speċifiċi? jew hemm ħtieġa ta' forniment ġeneralment aċċessibbli ta' tagħlim fuq il-post tax-xogħol?

Meta wieħed iqis dawn id-differenzi, hemm modi differenti biex jżiedu l-ħiliet permezz tat-tagħlim. Il-modi jistgħu jiġu min-naħa tal-impjegaturi, min-naħa tal-fornituri tat-taħriġ, min-naħa tal-impjegati (l-istudenti) direttament, jew min-naħa ta' punti ta' aċċess indirett (eż. servizzi soċjali, servizzi ta' gwida eċċ.). Kull mod jeħtieġ taħlita unika ta' strumenti ta' politika li jistgħu jinvolvu affarijiet "negattivi" (bħal obbligi derivati mil-leġiżlazzjoni) u affarijiet "pożittivi" (bħal sussidji). Strumenti ta' politika oħrajn jistgħu jinsabu f'miżuri mhux vinkolanti bħall-istrateġiji tal-komunikazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni, jew f'miżuri speċifiċi iktar vinkolanti bħall-mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità tal-fornituri tat-taħriġ. It-taħlita ta' politiki tiddependi ħafna fuq il-kuntest nazzjonali, il-mod kif ir-responsabbiltajiet jinqasmu bejn il-partijiet ikkonċernati ewlenin u r-rwol tal-gvern fir-rigward ta' dan il-qasam ta' politika.

Abbażi tal-inventarju tiegħu tal-politika nazzjonali, it-tagħlimiet permezz tat-tagħlim bejn il-pari, u l-evidenza addizzjonali minn studji u rapporti, il-grupp ta' Ħidma identifika għaxar "elementi kostitwenti" li jistgħu jiġu kkombinati biex jinbnew politiki effikaċi għal kuntesti differenti. Ir-rapport sħiħ jipprovdi bosta eżempji ta' kif Stati Membri differenti diġà jimplementaw dawn l-approċċi.



## Elementi kostitwenti

### Elementi kostitwenti marbuta mal-viżjoni dwar it-tagħlim għall-adulti fuq il-post tax-xoġħol

#### BB1:

L-inkoraġġiment lill-impjegaturi biex jadottaw kultura ta' tagħlim li tappoġġa t-tagħlim tul il-karriera

#### BB2:

L-iżgurar li t-tagħlim għall-adulti fuq il-post tax-xoġħol jagħti d-direzzjoni lill-istudenti għal tagħlim tul il-ħajjithom (u l-appoġġ mis-sistema ta' gwida u l-validazzjoni ta' tagħlim preċedenti)

### Elementi kostitwenti marbuta mal-impenn, il-governanza u l-koordinazzjoni

#### BB3:

Is-sikurezza tal-impenn fit-tul mill-partijiet ikkonċernati kollha

#### BB4:


L-iżgurar tal-koordinazzjoni effikaċi bejn il-partijiet ikkonċernati kollha u l-qbil dwar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet

#### BB5:

Il-komunikazzjoni dwar it-tagħlim għall-adulti fuq il-post tax-xoġħol bl-użu tal-lingwa ta' dawh li jeħtieġu l-inkoraġġiment

#### BB6:

L-iżgurar ta' sistemi ta' kofinanzjament sostenibbli fejn kulħadd jara l-benefiċċju tal-investiment fit-tagħlim għall-adulti fuq il-post tax-xoġħol



## Elementi kostitwenti

### Elementi kostitwenti marbuta mal-ippjanar u l-iżgurar tar-rilevanza tat-tagħlim għall-adulti fuq il-post tax-xoġħol

**BB7:**

L-iżgurar li t-tagħlim fuq il-post tax-xoġħol ikun imfassal skont il-ħtiġijiet tal-istudenti adulti

**BB8:**

L-iżgurar li t-tagħlim għall-adulti fuq il-post tax-xoġħol iwieġeb għall-ħtiġijiet tal-impjegaturi

**BB9:**

L-assigurazzjoni tal-kwalità tat-tagħlim għall-adulti fuq il-post tax-xoġħol

### Elementi kostitwenti marbuta mal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni

**BB10:**

It-twaqqif tas-sistemi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni effikaċi li jiżguraw li t-tagħlim għall-adulti fuq il-post tax-xoġħol jibqa' rilevanti u effikaċi



## **KIF TIKKUNTATTJA LILL-UE**

### **Personalment**

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik f'dan is-sit: [https://europa.eu/european-union/contact\\_mt](https://europa.eu/european-union/contact_mt)

### **Bit-telefown jew bil-posta elettronika**

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja dan is-servizz:

- bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq dan in-numru standard: +32 22999696, jew
- bil-posta elettronika permezz: [https://europa.eu/european-union/contact\\_mt](https://europa.eu/european-union/contact_mt)

## **KIF ISSIB TAGĦRIF DWAR L-UE**

### **Onlajn**

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: [https://europa.eu/european-union/index\\_mt](https://europa.eu/european-union/index_mt)

### **Pubblikazzjonijiet tal-UE**

Tista' tniżżel mill-internet jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn: <https://publications.europa.eu/mt/publications>. Kopji multipli ta' publikazzjonijiet bla ħlas tista' taksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara [https://europa.eu/european-union/contact\\_mt](https://europa.eu/european-union/contact_mt)).

### **Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati**

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex hawnhekk: <http://eur-lex.europa.eu>

### **Dejta Miftuħa mill-UE**

Il-portal tad-Dejta Miftuħa mill-UE (<http://data.europa.eu/euodp/mt>) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-dejta mill-UE. Id-dejta tista' titniżżel mill-internet u tintuża mill-ġdid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.

Tista' tniżżel il-pubblikazzjonijiet tagħna jew tabbona bla ħlas minn

<http://ec.europa.eu/social/publications>

Jekk tixtieq tirċievi aġġornamenti regolari dwar id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, irreġistra sabiex tirċievi n-newsletter elettronika ta' Social Europe bla ħlas minn

<http://ec.europa.eu/social/e-newsletter>



Social Europe



EU\_Social

